# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 609/2008 SM**

**Alexander Gauci (I.D. 294264 M) f'ismu u ghan-nom ta' *GA Properties Limited* (C 14388)**

**vs.**

**Joseph Mizzi (I.D. 671272 M) u Josette Mizzi (I.D. 537661 M) u *J.J. Limited* (C – 13660)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fuq inkarigu tal-propjetarji esteri tas-socjeta` *G.A. Properties* Limited, ir-rikorrenti Gauci kien inkarigat ibiegh il-*yacht* bl-isem *Diamond Head* numru O.N. 06084, tip *Princess 420,* (ara foll 4);

1.2. Illi s-sidien *de quo* kellhom jithallsu bil-modalita` pattwita fid-Dokumenti ‘E’ u ‘F’, (ara foll 9 u 10);

1.3. Illi l-bejgh tal-*yacht de quo* kien konsolidat bi skrittura privata datata l-14 ta’ Frar, 2006, (ara foll 5);

1.4. Illi meta r-rikorrenti Gauci ghadda l-*yacht* lill-intimat Mizzi, dan ghadda c-cwievet ta’ l-appartament il-Qawra lir-rikorrenti *nomine* kif pattwit;

1.5. Illi l-appartament *de quo* inbiegh lil terzi;

1.6. Illi rizultat ta’ l-istess l-intimati kien ghad fadlilhom bilanc favur ir-rikorrenti ta’ wiehed u tmenin elf, hames mija, tmienja u ghoxrin Ewro u sitt centezmi, (€81,528.06), li kellhom minnu jithallsu fi flus kontanti fi zmien sentejn (2), oltre wkoll tpartit ma prodotti fil-valur ta’ sitt elef, disa` mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax il-centezmu, (€6,988.12), minghand is-socjeta` *Power Point Limited* gestita mill-intimat;

1.7. Illi in effetti kienu ttiehdu xi prodotti, u kien ghad fadal bilanc ta’ hamest elef, tmin mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€5,823.43);

1.8. Illi minn dan l-ammont fuq riferit, l-intimat kien hallas l-ammont ta’ erbgha u tletin elf, disgha mija u erbghin Ewro u sittin centezmu, (€34,940.60), bil-modalita` indikata fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

1.9. Illi ghalhekk l-intimati ghad ghandhom ihallsu lir-rikorrenti *proprio et nomine* l-ammont ta’ sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu, (€46,587.46), - mhux kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2), flimkien ma l-ammont indikat fil-paragrafu ta’ qabel dan fi prodotti kif fuq indikat:

1.10. Illi *nonostante* diversi promessi u ghalkemm debitament interpellat biex ihallas l-ammont rimanenti, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.11. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti sabiex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.11.1. Tagixxi bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.11.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti *proprio et nomine* s-somma bilancjali ta' sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu, (€46,589.46), (mhux kif indikat fir-rikors guramentat promotur);

1.11.3. Tikkundanna wkoll lill-istess intimati biex jikkonsenjaw prodotti tas-socjeta` *"Power Point Limited"* fl-ammont ta' hamest elef u tmin mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu, (€5,823.43);

1.11.4. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data ta' l-effettiv pagament kif dedotti fl-istess rikors guramentat pormotur;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-12 ta' Novembru, 2008, li permezz tieghu, wara li semghet lill-intimat u lill-abbli rapprezentanti legali hemm indikati, taghat il-fakolta` lill-intimati biex fit-termini lilhom moghti huma jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom, (ara foll 28);

3.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati datat t-28 ta' Novembru, 2008, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. Illi s-socjeta` rikorrenti *G.A. Properties Limited* m'ghandiex *locus standi* *stante* li l-ftehim meritu tal-kawza kie bejn ir-rikorrenti Gauci personalment u l-intimat Mizzi, (ara foll 5);

3.2. Illi l-intimati Josette Mizzi u s-socjeta` *J.J. Limited* m'humiex il-legittimi kontraditturi *stante* li l-ftehim *de*

*quo* kien biss bejn ir-rikorrenti Gauci u l-intimat Mizzi, (ara foll 5);

3.3. Illi r-rikorrenti Gauci m'ghandu l-ebda pretensjoni x'irressaq *stante* li fl-iskrittura deher f'ismhu proprju meta wara jirrizulta li ma kienx il-proprjetarju tal-*yacht* in dizamina;

3.4. Illi l-procedura odjerna hi irregolari *stante* li s-socjeta` rikorrenti agixxiet kontra l-*beneficial owner* taghha, *senjatament* l-intimat Joseph Mizzi u kontra d-debitrici taghha l-intimata Josette Mizzi;

3.5. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-ebda kreditu fi flus kontanti m'hu dovut mill-intimati lir-rikorrenti *stante* lid an gia` thallas kollu;

3.6. Illi l-bilanc pendenti ta' prodotti mis-socjeta` *Power Point Limited* hu ta' tlett elef, mitejn erbgha u sittin Ewro u hamsin centezmu, (€3,264.50), (ara foll 43), liema oggetti ma ttihdux ghaliex ir-rikorrenti qatt ma mar ghalihom;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-intimati fir-rigward datata wkoll it-28 ta' Novembru, 2008, li tkompli ssahhah dak espost fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 39);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-11 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma` l-provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati, (ara foll 49), u sussegwentement, permezz ta' digriet datat it-23 t'April, 2009, l-istess qorti rrevokat l-inkarigu *de quo* u hatret assistent gudizzjarju iehor minflok dik precedenti, (ara foll 58);

6. Rat id-digriet taghha datat is-6 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm esposta, ordnat li l-inkartament jigi pprezentat *in atti,* (ara foll 64);

7. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 150);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* datata l-4 ta' Frar, 2015, (ara foll 151), flimkien ma dik ta' l-intimati datata d-9 ta' Gunju, 2015, li *nonostante* li t-termini ghall-istess tirrizulta tardiva, (ara foll 158);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien max-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju nominat u d-dikjarazzjoni guramentata pprezentata *in atti*;

11. Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fil-mertu jirrizulta sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi permezz ta' skrittura privata datata l-14 ta' Frar, 2006, (ara foll 5, 44 u 131), ir-rikorrenti Alex Gauci u l-intimat Joseph Mizzi ftehmu sintetikament is-segwenti:

12.1.1. Illi jippermutaw in parti *yacht* ma' proprjeta`;

12.1.2. Illi l-*yacht* kien tat-tip *Princess* jismu *"Diamond Head"*

12.1.3. Illi l-proprjeta` permutata kienet dik jisimha *"Buena Vista Apartments"*, *Flat* 3, Triq il-Kosta, Il-Qawra, fi stat komplut;

12.1.4. Illi kellu jkun hemm bilanc hemm indikat favur Alex Gauci, li kellu jithallas fi zmien sentejn, (2);

12.1.5. Illi kemm il-darba dan il-bilanc ma jithallasx, ix-xerrej, (Mizzi), kellu jissellef dak l-ammont mill-bank;

12.1.6. Illi kien hemm ukoll ghotja favur ir-rikorrenti hemm indikata li kellha tithallas permezz t'oggetti mis-socjeta` *Power Point Limited* li taghha l-intimat kien azzjonist;

12.1.7. Illi l-immobbli fuq riferit kellu jibqa` f'isem l-intimat sa kemm jinstab xerrej;

12.1.8. Illi l-immobbli kellu jibqa` hekk sa kemm jigi trasferit direttament lix-xerrej;

12.1.9. Illi sa dan iz-zmien indikat fil-paragrafu precedenti, r-rikorrenti kellu jkun responsabbli ghall-istess immobbli;

Ikkunsidrat:

13. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-unici partijiet involuti fl-istess permuta jirrizultaw li kienu Alexander Gauci r-rikorrenti u Joseph Mizzi l-intimat, (ara foll 5, 44 u 131);

14. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li la s-socjeta` rikorrenti *G.A. Properties Limited* u lanqas dik intimata *J.J. Limited* ma jinkwadraw fl-istess negozju;

15. Illi l-intimata Josette Mizzi hi rilevanti kwantu tigi l-mara ta' l-intimat Joseph Mizzi;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward il-valur tal-permuta in dizamina jirrizulta dizgwid pjuttost serju u inkwetanti, u dan ghaliex:

16.1. Il-valur ta' l-appartament in dizamina gie indikat fl-istess skrittura fl-ammont ta' Lm35,000.00, (ara foll 5, 44, 131);

16.2. L-istess valur kien effettivament aktar, senjatament Lm55,000;

17. Illi li hu inkwetanti f'dan ir-rigward hu li l-kontendenti ma habblux rashom jiftehmu li jindikaw l-ammont izghar specifikatament *"... for income tax purposes"*, (ara foll 5, 44, 131);

Ikkunsidrat:

18. Illi wara l-konkluzjoni ta' l-iskrittura privata fuq riferit l-intimat Mizzi skopra li effettivament il-*yacht* in dizamina ma kienx tar-rikorrenti Gauci izda tas-socjeta` *G.A. Properties Limited*;

19. Illi konsegwenza ta' l-istess l-intimat ma setghax jirregistra l-*yacht de quo* f'ismu;

20. Illi rizultat ta' l-istess problema li rrizultat kellu jsir ftehim sussegwenti, din id-darba verbali u quddiem terza persuna, biex b'hekk l-intimat jixtri s-socjeta` *G.A. Properties Limited* biex ikun jista` jsir it-trasferiment *de quo*, (ara foll 105);

21. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti esebixxa kopja ta' kuntratt datat iz-19 ta' Lulju, 2006, li permezz tieghu stabillixxa li s-socjeta` *J.J. Limited* kienet akkwistat l-appartament fuq indikat, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed punt tlieta, (12.1.3.), aktar qabel, u foll 45);

22.0. Illi jirrizulta wkoll minn dokumenti pprezentati permezz ta' verbal mir-rikorrenti datat it-2 ta' Marzu, 2011, li permezz taghhom indika:

22.1. Illi l-appartament *de quo* kien akkwistat gebel u saqaf, (ara kuntratt datat it-23 ta' Settembru, 2010, a foll 80);

22.2. Illi thallas l-ammont hemm indikat, (ara foll 80);

22.3. Illi l-hlasijiet saru skont il-prospett hemm ipprezentat, (ara foll 84);

23. Illi l-istess rikorrenti Gauci jghid bil-gurament tieghu li m’ghandu jiehu xejn minghand l-intimat Mizzi, (ara foll 101);

24. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti jkompli jghid li minghand is-socjeta` intimata *J.J. Limited* “....m’ghandi niehu xejn personalment....”, (ara foll 101);

25. Illi finalment, ghalkemm qabel l-istess rikorrenti Gauci sostna li agixxa ghan-nom ta’ Alan Brown u Patricia Henrikksen (ara foll 100 u 124), u li ghandu prokura biex ibiegh id-dghajsa *de quo*, fl-ahhar tal-kontro-ezami tieghu jghid li hu m’ghandu x’jaqsam xejn mall- kumpanija *G.A. Properties Limited*, (ara foll 101), li fl-okkju tar-rikors guramentat promotur hu stess indika li qieghed jidher f’din il-procedura anke ghan-nom u in rapprezentanza taghha, (ara foll 1);

26. Illi l-istess nuqqas ta’ rabta legali effettiva bejn ir-rikorrenti Gauci u s-socjeta` *G.A. Properties Limited* tirrizulta kkonfermata ghal darb’ohra mill-istess Gauci fix-xhieda guramentata tieghu, aktar tard, (ara foll 124);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta polesi li:

27.1. Ir-rikorrenti Gauci m’ghandux ness egali mas-socjeta` minnhu allegatament rapprezentata;

27.2. Il-pagamenti rikjamati mill-istess rikorrenti Gauci jirrizultaw li thallsu;

27.3. Illi s-socjeta` intimata *J.J. Limited* hi kompletament estranea ghar-relazzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

28. Illi finalment, jirrizulta assodat li l-ammont dovut fi prodotti mis-socjeta` *“Power Point Limited”* kien u ghadu ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti Gauci u kien hu li naqas li jmur u jiehu l-prodotti *de quo* sa l-ammont dovut;

29. Illi ghalhekk, mill-inattivita` tar-rikorrenti m'ghandux ibati l-konsegwenzi l-intimat;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti *proprio et nomine* pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Filwaqt li takkolji r-risposti kollha ta' l-intimati;

30.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

30.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti *proprio et nomine*.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**